MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2014

Numru 16/2013

Att ta' Akkuża numru 16/2013

Ir-Repubblika ta' Malta

kontra

Jonathan Felice

Illum 22 ta' Novembru, 2014,

Il-Qorti

Rat l-att ta' akkuza numru 16 tas-sena 2013 mahruga kontra l-imsemmi Jonathan Felice, detentur tal-karta tal-identita` numru 389288M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta :

Illi fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006), l-pulizija ġew infurmati minn Dolores Debono, mara anzjana, li filwaqt li kienet qed tistrieħ f'darha wara nofs in-nhar, daħħlu tlett persuni fir-residenża tagħha mingħajr l-awtorizazzjoni tagħha u dan bl-iskop li jisirqu mill-propjeta` tagħha. Hi filfatt spjegat li kien hemm tnejn minn dawn l-individwi li kellhom wiċċhom magħmmad filwaqt li t-tielet aggressur kien liebes berritta iżda kellu wiċċu mikxuf. Irriżulta minn investigazzjonijiet li saru u mill-identifikazzjoni li għamlet is-sinjura Debono li l-aggressur li kien liebes il-berritta u li kien qed jakkumpanja liż-żewġ aggressuri l-oħra bil-għan li jisirqu mill-propjeta tas-sinjur Debono kien Jonathan Felice qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li fil-kors ta' din l-aggressjoni l-akkużat qabad lill-vittma minn ħalqha u mmbuttha mal-art filwaqt li ż-żewġ l-aggressuri l-oħra li kienu mgħammda qalbulha l-affarijiet fir-residenza sabiex ifittxu flus tas-Sinjura Debono u dan mingħajr l-ebda jedd u kontra r-rieda tagħha. Irriżulta wkoll li l-vittma sfat mkaxxkra minn kamra għall-oħra minn dan l-istess aggressur qua akkużat fejn ġiet ordnata tgħidilhom fejn iżomm flusha filwaqt li ġiet ukoll mheddha b'ħajjitha fl-eventwalita' li tgħajjat għall-għajnuna. Fil-kors ta' din l-aggressjoni, l-vittma Debono sfat imweġġgha u sofriet ġrieħ kompattibli ma din l-aggressjoni li ġew ikklassifikati bħala feriti ħfief konsistenti f'neħfa fil-wiċċ, selħa fil-ġilda ta' minkbejha, uġieħ fl-irkoppa u stat t'ansjeta. Apparti minn hekk soffriet ukoll ferita ta' natura gravi *per durata*, speċifikament frattura fis-swaba ta' saqajha, liema ġerha ġiet ikkaġunata waqt l-aggressjoni fuq il-vittma kommess fuqha mill-akkużat u liema aġir kkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, jew diffett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem tas-Sinjura Debono. In oltre l-aggressur qua akkużat kellu l-kontroll tas-sinjura Debono tul il-kors tal-aggressjoni u filfatt hi nżammet arrestata kontra r-rieda tagħha u kontra l-liġi waqt il-kummissjoni tas-serqa.

Illi bil-ħsieb li jikkomettu delitt ta' serq aggravat it-tlett aggressuri fosthom l-akkużat Jonathan Felice, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekużżjoni tad-dellitt billi aċċedew fil-fond tas-Sinjura Debono billi llevaw il-bieb ta' barra u qalbu l-affarijiet tas-sinjura Debono filwaqt li b'aggressjoni fisika u verbali fuq il-persuna tagħha ordnawlha tgħidilhom fejn iżżomm il-flus. Madankollu s-Sinjura Debono insistiet li ma kellha xejn ta' valur u filfatt allavolja komplew iffitxxu fil-propjeta' tagħha, ma nstab xejn da parti tal-malviventi u għaldaqstant l-aggressuri fosthom Jonathan Felice telqu minn fuq il-post. Apparti minn hekk irrispettivament tat-theddid fisiku u verbali fuqha s-Sinjura Debono kompliet tgħajjat u twerżaq u dan kollu sfratta s-serqa intenzjonata mill-aggressuri fosthom l-akkużat Jonathan Felice u b'hekk din is-serqa ma ġietx ikkunsmata minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volonta tal-aggressuri fosthom Jonathan Felice.

Illi b'għemilu Jonathan Felice sar ħati li fis-27 ta' Ġunju 2006, f' Ħal Qormi għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:45pm), bil-ħsieb li jikkometti delitt ta' serq mill-fond 'Casa Debono' ġewwa Triq il-Vittorja, Ħal-Qormi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-vjolenża numerika u akkumpanjata b'offiża gravi li ġġib il-konsegwenza msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe` debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, jew diffett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, kif ukoll feriti ħfief, meta din il-"vjolenza" hekk imsemmija hija diretta kontra l-persuna ta' Dolores Debono ta' wieħed u tmenin sena (81), kif ukoll bis-sekwestru tal-persuna;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Jonathan Felice datata t-8 ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' reat ta' serq aggravat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Jonathan Felice, reċidiv f'dellitt, ħati li fis-27 ta' Ġunju 2006, f' Ħal Qormi għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15:30hrs), bil-ħsieb li jikkometti delitt ta' serq mill-fond 'Casa Debono' ġewwa Triq il-Vittorja, Ħal-Qormi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-vjolenża numerika u akkumpanjata b'offiża gravi li ġġib il-konsegwenza msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, jew diffett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, kif ukoll offiżi ħfief, meta din il-"vjolenza" hekk imsemmija hija diretta kontra persuna li għalqet sittin sena (60) u ċioe' l-persuna ta' Dolores Debono ta' wieħed u tmenin sena (81) kif ukoll bis-sekwestru tal-persuna; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn erba snin (4) u mhux aktar minn tletin sena (30) biż-żieda tal-piena ta' rekluzjoni għal mhux aktar minn tnax il-perijodu skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 264, 269(g), 274(a), 275, 276, 276A, 277(b), 278, 281, 214, 218, 221, 7, 9, 20, 23, 31(1)(e), 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta :

Illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fis-sebgħa u għoxrin (27) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara

nofs in-nhar (15:30hrs) ġewwa Ħal-Qormi, l-akkużat volontarjament uża vjolenża waqt l-aggressjoni fuq il-persuna ta' Dolores Debono, u dan sabiex hu flimkien mal-aggressuri li kienu miegħu jippruvaw jisirqulha flusha mir-residenża tagħha. Illi b'riżultat ta' din il-vjolenza, Dolores Debono bagħtiet ġrieħi konsiderevoli u fosthom, ġiet iċċertifikata li qed tbagħti minn ġrieħi ta' natura gravi *per durata* speċifikament frattura fis-swaba ta' saqajha, liema ġerha ġiet ikkaġunata waqt l-aggressjoni fil-konfront tal-vittma sabiex hi tikkopera mal-akkużat u mal-aggressuri l-oħra biex b'hekk itihom flusha kontra r-rieda tagħha kif ukoll biex hi ma ssejjaħx għall-għajnuna mingħand ħaddieħor waqt l-aggressjoni li kienet qed isseħħ fuqha u fuq il-propjeta tagħha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jonathan Felice sar ħat talli, kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna jew x'aktarx ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, liema persuna għalqet l-eta' ta' sittin sena.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Jonathan Felice datata t-8 ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' reat ta' serq aggravat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Jonathan Felice, reċidiv f'dellitt, ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dolores Debono f'perikolu ċar, kkaġuna ferita ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna jew x'aktarx ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn disa (9) xhur u mhux iktar minn tletin sena (30) priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 218(1)(a)(2), 222A, 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet u l-Ahhar Kap ippremetta:

Illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel u fit-tieni kap ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe' fis-sebgħa u għoxrin (27) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15:30hrs) ġewwa Ħal-Qormi, l-akkużat volontarjament uża vjolenża waqt l-aggressjoni fuq il-persuna ta' Dolores Debono, u dan sabiex hu flimkien mal-aggressuri li kienu miegħu jippruvaw jisirqulha fllusha mir-residenża tagħha. Illi b'riżultat ta' din il-vjolenża, apparti l-ferita gravi li subiet skond kif ġie deskritt fit-tieni kap ta' din l-

Att tal-Akkuża, Dolores Debono bagħtiet ukoll diversi ġrieħi oħra li ġew ċċertifikati mit-tobba u kklassifikati bħala feriti ħfief salv kumplikazzjonijiet. Dawn filfatt kienu jikkonsistu f'neħfa fil-wiċċ, selħa fil-ġilda ta' minkbejha, uġieħ fl-irkoppa u stat t'ansjeta u liema ġrieħi ġew ikkaġunati volontarjament mill-akkużat waqt din l-istess aggressjoni fil-konfront tal-vittma sabiex hi tikkopera mal-akkużat u mal-aggressuri l-oħra biex b'hekk itihom flusha kontra r-rieda tagħha u kontra l-liġi kif ukoll biex hi ma ssejjaħx għall-għajnuna minn ħaddieħor waqt l-aggressjoni li kienet qed isseħħ fuqha u fuq il-propjeta` tagħha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jonathan Felice sar ħat talli, kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq Dolores Debono, persuna li għalqet l-eta` ta' sittin sena.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Jonathan Felice datata t-8 ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' reat ta' serq aggravat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Jonathan Felice, reċidiv f'dellitt, ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dolores Debono f'perikolu ċar, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sena (1) priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 221(1), 222A, 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

Rat l-atti ta' l-process;

Rat il-verdett tal-gurati tat-22 ta' Novembru, 2014 li bih:

**L-Ewwel Kap**

Il-Gurati, b'sitt (6) voti favur u tlett (3) voti kontra isibu lil Jonathan Felice hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana pero' li l-offiza kienet wahda hafifa.

**It-Tieni Kap**

Il-Gurati b' sitt (6) voti favur u tlett (3) voti kontra isibu lil Jonathan Felice mhux hati skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

**It-Tielet Kap**

Il-Gurati, bi sitt (6) voti favur u tlett (3) voti kontra isibu lil Jonathan Felice hati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verbal tad-difiza fejn ma kkontestatx l-adebitu tar-recidiva.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurija, tiddikjara lil Jonathan Felice, recidiv f'delitt u hati talli:

1. Fis-27 ta' Ġunju 2006, f' Ħal Qormi għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15:30hrs), bil-ħsieb li jikkometti delitt ta' serq mill-fond 'Casa Debono' ġewwa Triq il-Vittorja, Ħal-Qormi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-vjolenża numerika u akkumpanjata b'offiża ta' natura ħafifa, meta din il-"vjolenza" hekk imsemmija hija diretta kontra persuna li għalqet sittin sena (60) u ċioe' l-persuna ta' Dolores Debono ta' wieħed u tmenin sena (81) kif ukoll bis-sekwestru tal-persuna;

2. Fis-27 ta' Ġunju 2006, f' Ħal Qormi għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15:30hrs), mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dolores Debono f'perikolu ċar, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena;

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Leslie Cuschieri.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Giannella Busuttil.

Rat il-fedina penali ferm reffrettarja tal-hati, minn fejn irrizulta illi ta' tlettax il-sena diga' beda fit-triq tal-kriminalita' b'mod serju u minkejja l-opportunitajiet moghtija baqa' ghaddej fil-hajja kriminali tieghu bi sfida lejn is-socjeta' u tal-istess Qorti illi wriet fiducja illi sejjer jirriforma, din il-Qorti m'hijiex sejra tittollera aktar dan l-agir u thoss illi l-hati ghandu jinghat piena kemm jista' jkun vicin il-massimu, mehud in konsiderazzjoni l-aggravji u ir-recidiva u l-eta' tieghu (17-il sena) meta kkommetta r-reat.

Ghaldaqstant,

Wara rat l-artikoli 7, 9, 17, 20, 23, 31, 37, 41(1)(a), 49, 50, 214, 221, 222A, 261(a)(b)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 264, 269(g), 274(a), 275, 276, 276A, 277(b), 278, 281, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Wara li qieset l-aggravju tar-recidiva, tikkundanna l-hati Jonathan Felice ghal-disa’ (9) snin prigunerija.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati ihallas l-ammont ta’ disgħa mija u disa’ u sitti Euro u tnax-il centenzmu €969.12 bhala spejjez inkorsi f’dan il-process.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------